

Brussell, 17 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

15405/23

ESPACE 85

**NOTA**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: *Thejġija tal-Kunsill (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju) fis-7 u t-8 ta' Diċembru 2023*  
Il-politika futura tal-UE dwar l-ispazju f'dinja li qed tinbidel  
- *Skambju ta' fehmiet*

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota mill-Presidenza dwar "**Il-politika futura tal-UE dwar l-ispazju f'dinja li qed tinbidel**" bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet waqt il-Kunsill Kompetittività fit-8 ta' Diċembru 2023.

## **Il-politika futura tal-UE dwar l-ispazju f'dinja li qed tinbidel**

It-teknoloġija, id-data u s-servizzi spazjali saru indispensabbli għas-soċjetajiet u l-ekonomiji Ewropej. Huma xprunaturi tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni, joħolqu opportunitajiet ta' impjiegi ta' kwalità u tkabbir ekonomiku, iżidu l-kompetittività Ewropea, jappoġġaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, jipproteġu u jissalvagwardjaw lill-UE u ċ-ċittadini tagħha, u jsaħħu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-UE. F'dawn l-aħħar snin u fil-kuntest ġeopolitiku attwali, tfaċċaw sensiela ta' riskji li jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu protetti l-assi spazjali tal-UE u li jiġu ppreservati s-servizzi bbażati fl-ispazju li jiggarrantixxu s-sigurtà kollettiva tagħna u li huma l-pedamenti tal-awtonomija strateġika tal-UE issa u fuq terminu twil.

### Sostenibbiltà tal-ispazju

Iż-żieda rapida tal-attivitajiet spazjali, b'mod partikolari f'Orbiti Dinjija Baxxi (LEO), u l-effett tagħha fuq l-ambjent jheddu s-sostenibbiltà tal-ispazju fuq terminu twil. Approċċ tal-UE għas-sostenibbiltà jrid iwassal għall-ħolqien ta' miżuri u soluzzjonijiet biex jindirizzaw sfidi speċifiċi fl-użu tal-ispazju: żieda esponenzjali ta' residwi spazjali, mega-kostellazzjonijiet, disponibbiltà limitata ta' frekwenzi jew interferenzi ma' osservazzjonijiet astronomiċi huma xi eżempji ta' dawn l-isfidi. Dan ser isaħħaħ ukoll il-pożizzjoni tal-UE biex issawwar l-iżviluppi u trawwem l-iżvilupp ta' standards fil-livell dinji.

### Sigurtà u difiża

L-ispazju sar faċilitatur ewlieni tat-tkabbir u l-prosperità mhux biss għas-soċjetajiet u l-ekonomiji Ewropej tagħna, iżda wkoll għas-sigurtà u d-difiża. Filwaqt li tirrikonoxxi li l-assi spazjali tal-UE huma taħt kontroll ċivili, u filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tal-Programm Spazjali tal-UE, il-Boxxla Strateġika approvata mill-Kunsill f'Marzu 2022 tipprovdi viżjoni strateġika komuni għar-rwol tal-UE fis-sigurtà u d-difiża. Il-komunikazzjoni Konġunta tal-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża (SSSD) ta' Marzu 2023 għandha l-għan li tgħin lill-UE tibni fehim komuni tar-riskji u t-theddid relatati mal-ispazju. Il-Konklużżjonijiet tal-Kunsill adottati reċentement dwar l-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża jirrikonoxxu l-importanza tal-iżvilupp ta' sistemi u servizzi spazjali b'użu doppju u jtennu r-rilevanza ta' soluzzjonijiet ibbażati fl-ispazju għas-sigurtà u d-difiża.

## Awtonomija strateġika tal-UE

L-aċċess limitat għal teknoloġiji u materjali kritiċi għall-ispazju u t-tfixkil fil-katina tal-valur globali aggravat minn tensjonijiet ġeopolitiċi jikkostitwixxi riskju sinifikanti ieħor għall-awtonomija strateġika tal-UE u għall-kapaċità tagħha li taċċessa u tuża l-ispazju. L-Istati Membri rrikonoxxew li hemm hteġa li tissaħħaħ is-sovranità, il-kompetittività u r-reżiljenza teknoloġika tal-ktajjen tal-valur tal-ispazju tal-UE permezz tas-sigurtà tal-provvista u aċċess bla xkiel għat-teknoloġiji kritiċi rilevanti għall-ispazju, filwaqt li tiġi preservata l-kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku ma' sħab tal-istess fehma.

Barra minn hekk, l-Ewropa bħalissa qed tiffaċċa kriżi bla preċedent minħabba n-nuqqas ta' aċċess awtonomu għall-ispazju. Il-waqfien tal-operazzjonijiet ta' Ariane 5, it-tmiem tal-illanċjar tal-programm Soyuz minn Kourou, il-waqfien fit-titjir tal-ajruplani ta' Vega C u d-dewmien fl-iżvilupp ta' Ariane 6 inaqqsu direttament il-kapaċità tal-Unjoni li tuża u tirrikostitwixxi l-inizjattivi ewlenin spazjali tal-Unjoni, Galileo, Copernicus u l-kostellazzjoni li jmiss IRIS<sup>2</sup>.

Huwa urġenti li nieħdu tagħlimiet, biex jiġi żgurat l-aċċess awtonomu, affidabbli u kosteffettiv tal-Unjoni għall-ispazju abbażi ta' soluzzjonijiet Ewropej. L-Unjoni Ewropea, bħala l-ewwel klijent istituzzjonali tas-servizzi ta' llanċjar Ewropej u amministratur tal-programmi ta' assi spazjali kritiċi Ewropej, kif ukoll inkubatur tal-innovazzjoni għal soluzzjonijiet ta' llanċjar ġodda u diversifikati, għandha taħdem mal-Istati Membri u mal-Aġenzija Spazjali Ewropea għal dak l-għan.

Il-Ministri huma mistiedna jwieġbu l-mistoqsijiet strateġiċi li ġejjin:

1. X'taħsbu li ser ikun l-impatt tal-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża fuq il-politika futura tal-UE dwar l-ispazju? Kif jistgħu jiġu inkorporati l-aspetti tas-sigurtà u d-difiża fid-diversi komponenti tal-programm spazjali tal-UE fil-futur li jibqgħu taħt governanza ċivili?
2. X'jista' jkun ir-rwol tal-UE fl-iżgurar tal-aċċess awtonomu tal-Unjoni għall-ispazju, lil hinn milli taġixxi bħala klijent, fuq terminu twil?